

Appell ippreżentat fl-4 ta' Frar 2016 minn European Bicycle Manufacturers Association mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-26 ta' Novembru 2015 fil-Kawża T-425/13, Giant (China) Co. Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-61/16 P)

(2016/C 106/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: European Bicycle Manufacturers Association (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, J. Beck, solicitor)

Partijiet oħra fil-proċedura: Giant (China) Co. Ltd, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali;
- tagħti deċiżjoni fuq il-mertu u tiċħad ir-rikors għal annullament jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni fuq il-mertu fuq ir-rikors għal annullament; u
- tikkundanna lir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-ispejjeż sostuni mill-appellanti kemm fil-kuntest tal-appell kif ukoll fil-kuntest tal-intervent tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

- L-ewwel aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta għamlet analiżi ġuridika inkorretta tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku mill-Kunsill. Kuntrarjament għall-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali, ir-Regolament Nru 502/2013 ⁽¹⁾ applika l-Artikolu 18(1) għall-grupp Giant kollu għaliex l-istituzzjonijiet ma kellhomx informazzjoni kompluta u ddetalljata dwar il-kumpanniji assoċjati, u mhux biss informazzjoni dwar il-prezz tal-esportazzjoni tal-grupp.
- It-tieni aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kunsill ma setax iqis in-nuqqas ta' Giant li jipprovdi livell minimu ta' informazzjoni bħala nuqqas ta' kooperazzjoni fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku. L-informazzjoni meħtieġa kienet tikkorrispondi għal-livell minimu ta' informazzjoni meħtieġ sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jiksbu stampa kompluta u eżatta tal-grupp Giant, u l-assenza ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni tikkostitwixxi, għalhekk, nuqqas ta' kooperazzjoni li titfa' dubju fuq l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta minn Giant.
- It-tielet aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma jkunx hemm riskju ta' evażjoni jekk tingħata rata ta' dazju antidumping individwali lil Giant iżda mhux lil Jinshan. Il-biżgħat tal-istituzzjonijiet dwar l-evażjoni minn kumpanniji assoċjati f'dan il-każ huma ġġustifikati u jikkostitwixxu motiv addizzjonali validu sabiex tiġi miċħuda t-talba għal rata ta' dazju antidumping individwali magħmula minn Giant

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013, tad-29 ta' Mejju 2013, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.